DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 182443** **16.11.2018**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Konferenza nazzjonali f'għeluq il-ħamsin sena mit-twaqqif tal-Unjoni Doganali Ewropea***

Fl-indirizz tagħha, id-Deputat Speaker tal-Kamra tad-Deputati Claudette Buttigieg iddeskriviet it-twaqqif tal-Unjoni Doganali Ewropea fl-1968 bħala deċiżjoni politika u kuraġġuża li permezz tagħha s-sitt pajjiżi fundaturi tal-Komunitajiet Ewropej urew konvinzjoni dwar il-futur politiku tal-Ewropa. Fl-eqqel tal-gwerra bierda wittew it-triq lejn l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u kulturali ta' pajjiżhom u tal-Ewropa - lejn popli li jgħixu flimkien f'armonija, fis-sliem u fil-paċi. Tenniet l-importanza li l-Unjoni Ewropea tkun miftugħa biex tilqa' aktar pajjiżi Ewropej li jaqsmu magħha l-istess ideat, prinċipji u valuri b'mod partikolari l-valuri tad-demokrazija parlamentari u r-rispett u l-ħarsien tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-bniedem.

Id-Deputat Speaker sostniet li l-Unjoni Ewropea teħtieġ tfittex aktar opportunitajiet ta' koperazzjoni ma' stati oħrajn fl-Afrika, fl-Amerika u fl-Asja fl-interess tal-Unjoni Ewropea li n-negozju dinji jiżdied. Dan ifisser aktar impenn Ewropew biex jonqsu l-ostakli fil-kummerċ u fl-investiment internazzjonali. B'hekk jinkisbu għejun ġodda ta' kummerċ u ta' investiment biex l-Unjoni Ewropea tisseddaq fost l-imsieħba kummerċjali ewlenin fid-dinja. Iż-żieda tal-kummerċ dinji għandu jwassal għat-titjib fl-għajxien tal-bniedem u għal livell ta' żvilupp uman fid-dinja.

Id-Deputat Speaker sellmet lid-dwaniera Ewropej tal-ħidma kontinwa tagħhom biex jinġabru t-tariffi, id-dazji u s-sisa, liema flejjes qed isir użu minnhom mill-gvernijiet u mill-istituzzjonijiet Ewropej bil-għan li jitjieb l-għajxien taċ-ċittadini Ewropej, inkluż tal-poplu Malti u Għawdxi. Id-dwaniera qed jagħtu sehemhom biex kull negozju jikkonforma mal-liġi. Għaldaqstant, huma involuti f'ħidma kontinwa kontra l-kuntrabandu u l-kummerċ illegali. F'dan ir-rigward tinħass aktar il-ħtieġa ta' koperazzjoni u ta' kordinament fost l-awtoritajiet doganali kemm f'livell Ewropew kif ukoll f'livell dinji biex jilqgħu għal sfidi attwali u biex ikun żgurat li jintlaħqu l-għanijiet ewlenija.

Dawn huma:

- Jiżdied in-negozju leġittimu fost il-pajjiżi Ewropej u oħrajn;
- Jingħelbu l-isfidi ta' min jabbuża mill-kummerċ ħieles;
- Ikunu mħarsa l-interessi rigward il-proprjetà intelletwali, l-ambjent u l-patrimonju artistiku u kulturali; u
- Ikunu mħarsa s-saħħa pubblika, is-sigurtà nazzjonali u l-ordni pubblika.

Din il-konferenza ġiet indirizzata mill-Ministru għall-Finanzi Edward Scicluna, Mario De Marco - kelliem ewlieni tal-Oppożizzjoni dwar il-finanzi, Philip Kermonde, Deputat Direttur Ġenerali dwar it-Taxxi u l-Unjoni Doganali (TAXUD) u d-Direttur Ġenerali tad-Dwana ta' Malta Joseph Chetcuti.

**Attachments: photos**



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775

**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**